Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 78/2016

**Perit Arkitett Robert Musumeci**

**Vs**

**Emmanuel Camilleri**

19 ta' Dicembru, 2017.

1. Fit-8 ta' Marzu, 2016 l-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghall-Talbiet Zghar ghall-hlas ta' elfejn erba' mija u ghoxrin ewro u disa' u tletin centezmu (€2,420.39), dritt professjonali u spejjez relatati ma' xoghol li sar f'sit fi Triq La Valette, Birgu.

2. Il-konvenut wiegeb:

   i. L-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.
   ii. It-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

3. B'sentenza tal-14 ta' Dicembru, 2016, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

4. B'sentenza tas-26 ta' April, 2017, it-Tribunal cahad it-tieni eccezzjoni u kkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija u ghoxrin ewro u disa' u tletin centezmu (€2,420.39) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

5. Fis-16 ta' Mejju, 2017 il-konvenut appella mis-sentenza fuq imsemmija.

6. L-attur wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

7. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili). Il-konvenut isostni li:

   - Jekk saru xoghlijiet, dan kien qabel is-sena 2010, cjoe' meta ttermina l-impieg tieghu ma' Joseph Scicluna li kien sid il-fond.
   - L-appellat isostni li s-servizz professjonali nghata sabiex isir tibdil fil-faccata ta' fond fi Triq La Valette, Birgu. Min-naha l-ohra l-appellant isostni li s-servizz kien ghal tibdil fil-faccata tal-fond f'Misrah ir-Rebha.
   - L-appellant kien impjegat fi snack bar fil-Birgu u fis-sena 2010 temm l-impieg tieghu. Kwalunkwe servizz li ta l-attur kien lil Joseph Scicluna u

mhux lilu. L-appellant qatt m'agixxa f'ismu personali izda f'isem is-sid tal-fond. L-appellant mhuwiex il-legittimu kontradittur.

8. L-appell hu bazat fuq apprezzament tal-provi. Hu stabbilit fil-gurisprudenza li din il-qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel stadju jekk mhux ghal ragunijiet gravi.

9. Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju relatat mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-aqwa prova kontriha kienet ix-xhud Roberta Caruana, segretarja fl-ufficcju tal-attur. Il-konvenut ma ta l-ebda raguni ghalfejn ix-xhud m'ghandhiex titwemmen. In kontro-ezami xehedet, *"F'dan il-meeting (sar f'Mejju, 2015) konna spjegajna l-flus dovuti ghalxiex inhuma dovuti. Is-sur Camilleri kien talab li jinghata zmien sabiex isir ftehim ghal pagament, pero' kien qalilna li … ha jitkellem ma' sid il-post biex isir il-hlas"*. Minn dawn il-kliem ma jidhirx li l-konvenut kien qieghed jikkontesta l-hlas dovut lill-attur, pero' ried jitkellem mas-sid. Li kieku l-konvenut ma kienx qieghed jirrikonoxxi li hu debitur, probabbilment ma kienx jghid lill-attur li ser jitkellem mas-sid izda semplicement ighidlu li ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni u li l-attur ghandu jkellem lis-sid. Fir-rikors tal-appell, il-konvenut argumenta li *"… meta huwa kien attenda ghand l-appellant kien qieghed jagixxi ghan-nom tieghu u mhux personalment"*. Argument li hu kontradittorju ghal dak li qal fl-istess aggravju, li mis-sena 2010 ma baqax f'kuntatt mas-sid. Ghalhekk jekk dak li qal hu minnu, m'hemmx logika li f'Mejju, 2015 imur jitkellem mal-attur bhala mandatarju tas-sid.

10. Dwar il-meritu, wara li l-qorti qrat l-atti tosserva:-

   i. il-kontendenti jafu tajjeb dwar liema fond l-attur ippresta s-servizzjoni professjonali. Id-distinzjoni f'indirizzi li saret fit-tieni aggravju hi ghal kollox irrilevanti. Fil-kontijiet li hareg l-attur tissemma Victory Square, li bil-Malti hi Misrah ir-Rebha. Dan apparti li mid-deposizzjoni tal-konvenut hu evidenti li jaf tajjeb fir-rigward ta' liema fond l-attur kien gie nkarigat biex jaghti servizz.

   ii. kienet saret applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar fir-rigward ta' hanut li kien ikun fih il-konvenut. Roberta Caruana xehedet li l-applikazzjoni saret f'isem il-konvenut. Hu veru li Carmen Pace Magro, is-siehba tal-konvenut, xehedet: *"L-applikant ghax-xoghlijiet sa fejn fejn naf jien kien Joseph Scicluna"*. Pero' mumenti wara qalet, *"L-applikant kien Camilleri ghax kien jiehu hsieb il-hanut"*. Mela x-xhud taf li l-applikazzjoni saret f'isem il-konvenut.

   iii. Il-konvenut ma ressaqx prova li l-applikazzjoni saret ukoll f'isem Joseph Scicluna, li l-konvenut identifika bhala sid il-fond.

iv. Il-konvenut stess xehed: *"**Jiena u Joseph Scicluna konna qabbadna lill-attur** sabiex jaghmel ix-xoghol ta' perit fuq post partikolari li kien il-Birgu"*. Dikjarazzjoni li ggib fix-xejn l-argument tal-konvenut li, *"l-esponenti appellant qatt ma agixxa f'ismu personalment, izda agixxa fuq inkarigu tas-sid tal-fond"*. Hawnhekk ghandna ammissjoni tal-konvenut li kien inkariga lill-attur. Li kieku l-inkarigu nghata wkoll minn Joseph Scicluna, il-qorti tifhem li l-applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp kienet issir f'ismu wkoll u l-attur kien jibghat il-kont ukoll lil dik il-persuna.

v. M'hemmx prova li l-attur qatt iltaqa' ma' Joseph Scicluna, jew baghat kontijiet jew thallas mill-imsemmija persuna.

vi. Il-konvenut xehed, *"Jiena fuq dan il-kont partikolari nghid li jiena m'ghandix xi nhallas il-post mhuwiex tieghi"*. 'Il fatt li l-konvenut m'huwiex is-sid m'hijiex raguni valida biex ma jhallasx, gialadarba hu stess xehed li kien inkariga lill-attur. Tant l-attur kien gie nkarigat mill-konvenut, li l-konvenut stess xehed: *"Jiena kont niehu hsieb jien u Scicluna sa fejn naf jien qatt ma mar fl-ufficcju tal-attur. **Ir-relazzjoni in kwantu din il-bicca tax-xoghol kienet dejjem bejni u bejn il-perit attur**... Nikkonferma li anke l-MEPA konna ltqajna jiena u l-attur"*.

vii. M'hemmx provi li jistghu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li meta l-attur kien inkarigat, kien gie nfurmat li l-konvenut kien qieghed jidher biss bhala mandatarju ta' sid il-fond. Fir-rikors tal-appell il-konvenut argumenta li hu agixxa *"ghan-nom tal-employer tieghu illi kien is-sid..."*. Jekk hu hekk ma jaghmilx sens li l-konvenut jaghti d-dettalji personali tieghu lill-attur, u l-applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp issir f'isem il-konvenut.

viii. Il-konvenut ma gab l-ebda prova li tikkorabora li hu kien biss impjegat. Lanqas ma ndenja ruhu jharrek bhala xhud lil Scicluna sabiex jikkorabora l-verzjoni li ta.

ix. Mid-deposizzjoni ta' Roberta Caruana ma jirrizultax li kellhom xi kuntatt ma' sid il-fond, jew li qatt inghataw id-dettalji tieghu. Probabbilment jekk l-attur kellu wkoll relazzjoni mal-persuna li semma l-konvenut, kien ukoll jaghmel kuntatt mat-terza persuna. Haga li ma rrizultax mill-provi.

x. Fir-rikors tal-appell il-konvenut qal, *"l-esponenti appellant temm l-impieg tieghu minn ma' Scicluna fis-sena 2010 u ilu minn dak iz-zmien*

*ma jaghmel kuntatt mieghu"*. Verzjoni li ta fis-seduta tas-6 ta' April, 2017. Pero' xehed ukoll, *"Meta ncahdet l-applikazzjoni li ghadni kemm semmejt, Scicluna li ghadni kemm semmejt qabel kien ighidli niqbghu nappellaw sabiex ingibu l-permess"*. Mill-kont tal-attur jirrizulta li l-appell kien sar f'Marzu 2011 (fol. 8). Dan ifisser li kuntrarjament ghal dak li qal il-konvenut ma kienx hareg mix-xena fis-sena 2010.

xi. Jekk kif qal il-konvenut kien ilu li hareg mix-xena mis-sena 2010, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn kellu jmur ghand l-attur f'Mejju, 2015.

11. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tikkonkludi li m'hemmx raġuni gravi li tista' twassalha biex ma taqbilx mal-konklużjoni li wasal ghaliha t-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.